MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 265/2009

**Conrad Grima**

**Vs**

**Exodus Global Group Holdings Ltd.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sittax (16) ta' Lulju 2009, permezz ta' liema l-attur talab lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta' sitt elef, erba' mija, u dsatax il-euro u erbgha u sittin euro centesmu (€6419.64) liema somma tirrapprezenta kirjiet ta' vetturi.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors

promotur u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni permezz ta’ riferta posittiva tal-Marixxal Reno Spiteri datata tletin (30) ta’ Lulju 2009 a fol. 5 tal-process.

Illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta’ Novembru 2009 l-attur pprezenta Kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta’ Novembru 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi, izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat it-talba attrici hija gustifikata u d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil attur s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u dsatax-il euro u erbgha u sittin euro centesmu (€6419.64) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------